# Sfidi ta' Żminijietna fit-Talb

Network Dinji ta' Talb mal-Papa
MALTA

Ottubru 2019

Merħba! Il-Papa jistieden lil bnedmin ta' rieda tajba sabiex ningħaqdu flimkien u nitolbu:
**Biex in-nifs tal-Ispirtu s-Santu, inissel "rebbiegħa" missjunarja ġdida fil-Knisja.**

**Ninġabar:**
Insib post komdu u nipprova nħoss il-preżenza ta' Alla ġewwa fija. Nirringrazzja lil Alla ta' dawk il-persuni li jwettqu x-xogħol tagħhom bħala missjoni biex jgħinu lill-oħrajn jiżviluppaw u jikbru fil-fidi.

**Fatt ċkejken:**



Hi magħrufa bħala "Is-Soru li Titbissem". Sor Sabra hi soru Afrikana żagħżugħa li taqdi l-missjoni tagħha ġo skola tal-Knisja f'Malta. Bħall-pajjiżi l-oħra Ewropew, Malta qed issir iktar sekularizzata. F'dawn l-aħħar snin, in-numru tan-nies li jmorru l-knisja naqas bin-nofs u n-numru ta' vokazzjonijiet niżel drastikament. Sor Sabra hi waħda minn numru ta' edukaturi żgħażagħ missjunarji li ġew Malta biex iwettqu x-xogħol tas-sorijiet Maltin anzjani li qed jirtiraw fl-iskejjel tal-Knisja.
"In-nar iħeġġeġ li naqraw dwaru fil-kotba ta' dan "il-pajjiż żgħir iżda b'qalb kbira" u li kien responsabbli biex jibgħat tant missjunarji... dak l-istess nar issa hu nieqes," qalet Sor Sabra mingħajr ma nstemgħet serja ħafna. Minkejja dan, hi temmen li l-Ewropa "dalwaqt" terġa' tqajjem il-fidi Nisranija tagħha.
Sor Sabra titkellem b'vuċi ratba u għandha manjieri ħelwin, iżda hi mhix nieqsa mid-dehen spiritwż u d-dixxiplina li għalliema għandha bżonn biex tieħu ħsieb klassi storbjuża. Hi tiċċajta dwar kif qed taddatta għall-kultura ġdida... "Il-missjoni tiegħi bħala għalliema ġo din l-iskola għadha l-istess, minbarra l-fatt li fis-sajf il-*live-ins* tagħna jsiru fuq ix-xatt u mhux fil-pjanuri ta' Serengeti!" tgħid b'daħka li ma twaqqafhiex malajr. Sor Sabra ssejjaħ lilha nnifisha "missjunarja ta' taħt fuq" – evanġelista mill-artijiet tal-missjoni Afrikani ta' qabel, li temmen li s-sejħa tagħha hi biex terġa' tagħti l-ħajja lill-Kristjaneżmu fil-pajjiż li qabel kien ġabilha r-reliġjon.

**Naħseb ftit:**
Il-frażi "xogħol missjunarju" ħafna drabi ġġib f'moħħi stejjer ta' saċerdoti avventurużi li jxerrdu l-Evanġelju f'artijiet imbiegħda. Imma jien kemm nirrealizza li nista' nkun missjunarju permezz tal-ħajja tiegħi ta' kuljum bħala student/a, ġenitur, iben/bint, ħabib/a jew kollega?

**Nitlob:**
Spirtu Qaddis, qanqal fija s-saħħa fil-fidi u agħtini l-enerġija u l-motivazzjoni biex inxerred l-aħbar it-tajba tal-Evanġelju, sabiex titnissel rebbiegħa ġdida missjunarja fil-Knisja.

**Kliem ta' dawl:**
"Xerred l-imħabba kull fejn tmur. Tħalli lil ħadd jiġi għandek bla ma jitlaq iżjed ferħan."
*Madre Tereża*

**X'nista' nagħmel:**
Kulma nagħmel matul il-jum, nagħmlu b'sens ta' fidi u ta' missjoni. Nuża dan il-mod biex inwettaq id-dmirijiet u r-rwoli li s-soltu nagħmel b'nofs qalb.